# QWIEL U HSEBIJIET

## f'TAHT TLIET SALTNIET

*Miġbura mill-Awtur*

N.B. In-numri tal-paġni huma dawk ta' l-ewwel edizzjoni tal-1938 (*Empire Press*).

## MILL-INTRODUZZJONI: KELMTEJN QABEL

Tliet snin fi bniedem li qabeż it-tletin jista' jkun li ma jgħallmux wisq imma fi bniedem li għadu bejn il-għoxrin u t-tletin, l-aktar jekk ikun għadu ma ħareġx 'il barra mid-dieq ta' art twelidu, kull sena tal-ħajja żżid u tnaqqas xi ħaġa fil-milja ta' l-esperjenzi ġodda li jiddawlu minn xulxin (p. 9, para. 2).

L-għana żejjed minn naħa u l-faqar żejjed minn oħra huma għajb kbir tagħna bħala bnedmin u bħala nsara (p-9, para. 3).

Ma jitqaddsux dawk li jgħidu: "Mulej, jien raġel tajjeb għax ngħajjat kontra l-kommunisti," imma jitqaddsu dawk li, barra li jgħajtu kontra l-kommunisti joħorġu minn buthom kull meta jistgħu, u daqs kemm jistgħu imqar ħaqq ħobża għall-fqar li jgħixu ħajja mċaħħda (p. 10, para. 6).

Il-kommunisti minn naħa u dawk il-għonja li żammew taħt idejhom mejjet jew imberbaq ġid aktar milli kellhom bżonn, huma ndaqs egħdewwa taċ-ċiviltà tagħna (p. 10, para. 7).

L-aqwa dinjità tagħna ġejja mhux minn missierna jew nannietna jew mill-klassi li nagħmlu sehem minnha imma minna nfusna bħala Bnedmin (p. 10, para. 9).

Jeħtieġ li sew il-għani kemm il-fqir, flok jibqgħu jagħmlu infern mill-ħajja ta' xulxin jibdew igħożżu l-ispirtu tas-sakrifiċċju li jitolbu minnhom Alla u s-soċjetà (p. 11, para. 11).

## MIR-RUMANZ

Il-Bniedem donnu mwieled biex jitqarraq, jaħseb li xi darba ser isib il-mistrieħ u ma jsibu qatt (p. 15).

Hemm ħinijiet, l-aktar fis-skiet tal-ljieli mdawlin, meta ruħ il-bniedem tħoss xi jqanqalha b'saħħa li trid tinfexx 'il barra (p. 17).

Il-karattru ta' bniedem jingħaraf mill-fehmiet tiegħu (p. 20).

Bniedem għandu l-jedd kollu jagħżel dik il-ħajja li l-aktar hija għal xejrtu (p. 22).

Xi uħud jedhew jaħarqu l-libien quddiem ix-xbihiet ta' nanniethom;

oħrajn jidhrilhom li nanniethom m'għandhom ebda jedd jindaħlulhom f'dak li jaħsbu jew li jġagħluhom jitqannew b'ħajja li ma jħossuhomx imxejrin għaliha (p. 22).

Il-mara tibni u tħott l-iswar bi kiemha (p. 27).

Is-sehem tal-mara fl-istorja tad-dinja hu kbir daqskemm hu kbir sehemha fil-familja, fejn hi tferragħ għommitha ma' wlieha u żewġha (p. 27).

L-istorja tagħna hi l-istorja tal-Mara Maltija (p. 27).

Poplu żgħir tifirdu malajr (p. 33).

L-ewwel imħabba tiftaħ il-bibien tal-qalb bis-sabta (p. 40).

Hemm ħafna ħwejjeġ li nistgħu narmuhom wara spallejna, għax ma jiswewlna għal xejn ħlief biex igħalluna (p. 43).

Il-ħajja minn idejn Alla ħarġet wisq eħfef milli hi. Kien il-bniedem li minn sena għal oħra taqqalha bil-konvenzjonijiet tiegħu (p. 43).

Iż-żaqq u r-ruħ, it-tnejn flimkien jiftħu u jagħalqu l-bieb ta' l-infern u tal-Ġenna (p. 45).

Is-sema u l-baħar! Kemm hu ċkejken il-bniedem fejnhom! Tħossok tibża' minnhom dawn iż-żewġ ħwejjeġ bla tarf (p. 67).

Il-moda, mindu r-raġel xtaq ikun magħġub mill-mara u l-mara mir-raġel, dejjem kellha setgħa kbira fuq il-bnedmin (p. 70).

Bniedem li jitwieled f'din id-dinja, miċ-ċkejken sal-kbir, u ma jsibx biex jista' jgħix u, agħar, biex igħajjex lil min iħobb, qisuh ġisem bla ruħ (p. 74).

Meta bniedem jaħseb biex ma jħallikx tilgħab b'ħajtu jilgħab b'ħajtek hu (p. 78).

Bħalkieku l-flus u l-imwiel fid-dinja kellhom qatt jaslu, kif waslu, biex jieħdu din l-importanza kollha li donnhom ser jibdew jitwaħħdu mal-personalità tal-bniedem, daqs il-virtu, daqs il-vizzju! (p. 80).

Bħalkieku Dak li għolla l-bniedem kien xi bankier għani jew baruni u mhux Hu nnifsu wieħed mill-ifqar tallaba (p. 80).

Fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn; mhux biss jimxu r-riġlejn imma dawn lanqas jagħjew qatt (p. 83).

Min xi darba ħabb, u ħabb sewwa, jaf x'jiġifieri moħħok ihewden fuq dik li qalbek tkun ħabbet: ħadd ma jkun għalih isbaħ minnha, ħadd twajjeb daqsha (p. 85).

Xebba tar-raħal, dari aktar mil-lum, ma tilgħabx bl-imħabba. Għax l-imħabba hi għaliha l-akbar ħaġa li tolqotha, daqs il-mewt, daqs il-ħajja (p. 88).

Illum xebba tistħi saret ħaġa għażiża; il-mistħija saret ħaġa ta' dari sewsew bħax-xaqquf qadim li ngħożżuh ġol-ħġieġ tal-Mużew tagħna (p. 89).

Quddiem in-natura mgħaddba ma hemmx għażla bejn bhima u bniedem (p. 104).

Sid wieħed hemm, Alla Sidna. U Ġesù tagħna ma għamilx ilsiera imma aħwa ħielsa (p. 105).

Il-ħniena u l-mibegħda ma jgħammrux f'qalb waħda. Waħda tkeċċi l-oħra (p. 105).

Il-ġuħ ikreh, meta jkollok it-tfal iżjed u iżjed (p. 107).

Hafna mill-għonja, insara ta' l-isem, ma jħennux u waqt li jitolbu l-ħobża ta' kuljum għalihom infushom lil Missierna li hu fis-smewwiet, huma ma jaħsbux f'dawk li f'isem dan il-Missier huma ħuthom u ma għandhomx għaxja ta' lejla (p. 109).

Hafna mill-għonja jidħlu fis-sodda u n-ngħas jiġihom ħelu, u lanqas ħsieb li l-imġieba tagħhom hi delitt aħrax kontra nies oħra bħalhom bl-istess jeddijiet għall-ħajja, u kontra d-Din tagħhom infushom li hu minnu nnifsu fl-ispirtu u fil-kelma kontra l-fqir (p. 109).

Ma jmisshiex is-soċjetà, flok tinħeba f'kastell imwarrab bejn il-ħitan tal-fehmiet dojoq miruta u l-frugħat, toħroġ barra minn dal-kastell mistur u tiġġerra fit-triqat bil-ħobż f'idha biex ittaffi kemm tista' l-ġuħ tal-misserijiet u l-ommijiet li, mingħajr ħtija tagħhom, ma qalgħux il-għaxja tal-jum? (p. 110).

*Misereor Turba*! qal wieħed l-aktar nobbli fost in-nobbli, imma l-ifqar fost il-fqar (p. 110).

Lill-imdejqin lanqas in-ngħas ma jtuqhom għax il-ħolm iġibilhom quddiem moħħom dak kollu li għaddew minnu tul il-jum u tul ħajjithom (p. 110).

Il-fqir mhux biżżejjed tfarrġu bil-kliem sabiħ biss; min hu bil-ġuħ u bil-għatx agħtih x'jiekol u x'jixrob. Il-kliem ma jaqtax la l-ġuħ u lanqas il-għatx, u 'l dak li jkun mhux biżżejjed tgħidlu jistabar. Jekk int tista', daħħal idejk fil-but u agħtih xi ħaġa (p. 110).

Mhux li kieku l-fqar u l-għonja jagħmlu l-ħaqq ma' xulxin; mhux li kieku l-wieħed jagħti miż-żejjed li għandu, u l-ieħor ma jirgħebx għal iżjed milli ħaqqu! Kieku l-ġrajja tad-dinja kienet tkun miżien. Imma biex id-dinja tkun miżien hu meħtieġ li naqraw il-Vanġelu, id-Diskors tal-Muntanja. Le, għidna ħażin, hu meħtieġ illi nifhmu u nagħmlu skond id-Diskors tal-Muntanja. Mhux biżżejjed li tipprietka t-tajjeb (p. 111).

Min jista' jifhem id-dgħufijiet tal-bniedem? Aħjar milli tqill jew taħseb ħażin tagħder u taħfer! (p. 112).

L-omm minnha nfisha taħseb li ħadd ma jista' jieħu ħsieb uliedha daqsha (p. 112).

Tnejn jinħabbu jitkellmu wkoll mill-bogħod mingħajr ma jaraw lil xulxin (p. 116).

Kos, min jista' jifhem it-triqat imgħawġa li minnhom trid tgħaddi l-imħabba qabel ma tasal fil-għan tagħha! Tgħid li għandha mill-ħallelin

daqs kemm tħobbhom it-triqat imgħawġa: issa tbissima, issa kelma ħelwa, issa ħarsa grixtija minn taħt 'il taħt, issa regħxa ta' ħmura f'wiċċ bajdani jew inkella qamħet il-lewn, issa rogħda ħelwa fil-leħen, dawn kollha huma t-triqat imgħawġa li minnhom tgħaddi l-imħabba sa tasal fis-saltna tagħha, il-qalb li hi, imbagħad, tqabbad u tħeġġeġ (p. 117).

Ulied Eva ma tawhiex għas-sengħa ta' l-ixkubetti, polvri, dinamite u ħwejjeġ li jeqirdu l-ħajja w ijassru l-ġnus, Imma mbagħad tawha għal sengħa oħra: dik tal-ġmiel li biha ijassru l-qlub! U f'dan ħadd ma jgħaddi-hom (p. 122).

Għall-mara l-ġmiel hu l-aqwa għana, l-aqwa arma wkoll (p. 122).

Jekk id-dinja l-bniedem trid ittih xi laqam u ma ssejjaħlux "Bniedem" biss, issejjaħlu "Bidwi" għax hekk kien l-ewwel wieħed li Alla ħalaq. (p. 123).

Kieku d-dinja, jaħasra, riedet tkun dinja, fejn l-bniedem, jekk mhux ferħan ħafna, għall-inqas ma jkunx imdejjaq iż-żejjed, imma fit-triq tan-nofs. Il-ħajja kif inhi donnha ħaġra tal-mitħna mgħobbija fuq dahar għajjien. U mhux la kemm titla' t-telgħa b'ħaġra tal-mitħna fuq dahrek mingħajr ma taqa'! (p. 128).

Il-għerf hu biċċa minn Alla; il-għerf it-tajjeb hu biċċa mir-reliġjon Nisranija (p. 129).

Jekk xi Nsara jarawk li quddiem il-għadu inti dgħajjef minn moħħok, dawn jitilfu l-fiduċja fik u ma jgħidux: "Moħħu fqir", imma fqira r-reliġjon li ried iħares (p. 130).

Il-Kelma t'Alla hi kbira, il-Kelma t'Alla jixirqilha tingħad bi kliem kbir; mela nkabbru lsien il-poplu biex inwasslu l-Kelma t'Alla qawwija u mir-quma (p. 130).

Il-Palazzi ma jibnewx b'ġebel misluħ imma b'ġebel minġur: u lanqas il-Kelma t'Alla ma tinbena tajjeb fl-istorja tal-poplu bi lsien imċerċer u mis-tmell. Il-Kotba Mqaddsa huma fihom infushom, minbarra l-Kelma Mnebbħa, l-aqwa xogħol tal-letteratura tad-dinja (p. 130).

Il-ħuta ż-żgħira qatt ma kielet il-kbira. Din hi x-xorti ta' Malta tagħna (p. 132).

Il-għerf ta' l-iskola, f'għajnejn in-nies titfa' dawl li mhux f'għajnejn il-bdiewa li bħall-ħmir tat-tagħbija, lanqas jafu jgergru mit-toqol tal-ħajja tagħhom (p. 133).

Żewġ żgħażagħ jinħabbu kemm ħwejjeġ igħidu lil xulxin, kemm żegħil u kemm iħdna ta' ħolm jixħtu fit-triq tal-ħajja sew sew bħalma t-tfal żgħar, lebsin ta' Anġli, jixħtu l-iħdna tal-ward tul il-pirċissjoni (p. 135).

Imma jekk il-ħajja hi tabilħaqq, purċissjoni, hi purċissjoni ta' ferħ jew ta' niket, ta' tbissim jew diqa u qsim il-qalb? (p. 135).

Bosta waqgħu bis-salib fuq daharhom nofs triq (p. 136).

Dawn in-nies twajba li jagħmlu l-ġid fid-dinja, għandhom ġo fihom xi ħaġa sabiħa u kbira li tiġbdek, bħalma tiġbdek għanja qaddisa fil-ħemda miġbura ta' Maqdes il-Mulej (p. 140).

Aħna nifhmu li mhix ħaġa sabiħa li dal-ġens Lhudi, darba waħda l-magħżul ta' Jaħwe, jeħel bil-ħtija tal-qerq li l-agħar fosthom jagħmlu, għax in-nies ħżiena jinsabu fosthom bħalma fost l-imseħbin ta' kull għaqda jew dìn ieħor. Madankollu l-ġrajja tiegħu fid-dinja hekk kienet u għadha fost l-Insara kif ukoll fost dawk li ma humiex. Nieqfu u naħsbu. Kif infissru li dal-poplu għex din il-ħajja mħabbta, mibgħud minn Insara u minn mhux Insara? Ħaġa li tiġri dejjem fl-istorja minn ġidd għal ieħor jeħtieġ tiġri b'liġi, mistura jew le. Xinhi din il-liġi, u min għamilha din il-liġi tal-ħadid li tgħakkes 'il Lhud? Is-sekli jitbiddlu, u titbiddel il-ħajja politka ta' ġnus oħra imma d-destin tagħhom jibqa' xorta fl-istorja u, waqt li aħna nifhmu li dal-ġens kbir ma għandux ikun imgħakkes, Id ħamra bid-demm bla Ħtija, donnha qed tiġri warajhom tilħaqhom, issabbat-hom mal-mewġ tal-ħajja, tkeċċihom minn kullimkien, u leħen kbir ikexhex tistħajlu jinsama' f'widnejn dal-ġens imsejken: "Id-Demm Tiegħu jaqa' fuq rasna u fuq ras uliedna!" (p. 142).

Sewwa tagħmel il-Ħajja tistor wiċċha u tikxfu ftit ftit għax kieku min kien ikollu l-ħila jħares lejha mingħajr ma jitkexkex? (p. 150).

Il-għaliex in-nies ta' qalbhom tajba jbatu daqshekk fid-dinja, u oħrajn, li ma jħennux għal għajrhom, igħixu jidħku, ferħana donnhom bla salib? Misterju tal-Ħajja! (p. 153).

Vassalli! Għaref kien dar-raġel u daqshekk ieħor rasu iebsa li ma beżax jiġbed fuqu l-mibegħda ta' l-Ordni u l-istmellija ta' l-aristokratiċi Maltin ta' dak iż-żmien li għaddewh ta' miġnun talli fil-'Mylsen Malti' ħaqqaqha li lsien il-poplu hu 'lsien nazzjonali'. Dagħwa bħal dik ma kinux sa jaħfruhielu. Għamlu għalih biex isikktuh imma sabuh sur jiflaħ li ma jiċ-ċaqlaqx quddiem il-balal ta' l-ilsna ħżiena (p. 154).

Vassalli kien jara għall-bogħod. Bniedem hu kbir daqs kemm b'moħħu jara għall-bogħod; jekk ma jarax għall-bogħod hu wieħed mill-għomja li jmexxi agħma ieħor bħalu sa ma t-tnejn jaqgħu fil-ħondoq mnejn ma jitilgħu qatt iżjed, kif qal Dante għat-Taljani ta' żmienu, meta dawn maqdruh talli fil-kitba tiegħu nqeda mhux bil-Latin, ilsien il-għorrief ta' dik il-ħabta, imma bl-ilsien Taljan, il-'Volgare' li, f'idejn dan il-Kbir, minn tarbija fil-fisqija sar raġel sħiħ u qawwi. Dante ra għall-bogħod u kiteb b'ilsien il-poplu, Vassalli ra għall-bogħod u għallem ilsien il-poplu (p. 154).

Il-kbar warrabhom għax dawk iħarsu fil-għoli wisq, u meta jħarsu 'l isfel jaħsbuk lumija, jaqbduk bejn idejhom, jagħsruk u jarmuk! (p. 166).

Haġa tal-għaġeb, it-triq li tieħu lejn Alla, it-triq li ssaffi lill-bniedem hi triq ta' wġigħ il-qalb (p. 172).

Dik il-kelma 'qatt iżjed' fil-mewt ta' bniedem għażiż hi tiċrita ta' sikkina fil-laħam tari ta' qalbna (p. 172).

X'tiswa r-rieda, ix-xewqa, it-tama, is-saħħa, il-ġlied, il-prinċipji, jekk il-mewt teqridhom? (p. 173).

Fejn il-bniedem ma qassamx il-ġid tad-dinja bil-ħaqq, jidħol Alla u jsewwi Hu bil-Ħniena tiegħu (p. 173).

Kristu hu x-xemx tat-tallaba, tal-morda, tal-maħqura. Hu x-xemx li ssaltan. Hu l-Ħobż tal-Ħajja (p. 174).

Tnejn jinħabbu meta jiltaqgħu wara li jkunu ilhom xi ftit ma jaraw lil xulxin, jistaqsu ħafna ħwejjeġ li huma mqaddsa għal widnejhom biss, għax ħwejjeġ li joħorġu mill-forġa ta' qalbhom. Widna barranija ma għandhiex tissammagħlhom, għax dak li hu qaddis għalihom, hu fieragħ għaliha, (p. 176).

L-iswed hu l-lewn tal-ħabi u tal-laqgħat mudlama (p. 177).

Meta Gvern joqtollok il-fehma u jridek taħseb bħalu bil-fors, id-dinja ta' taħt tibda togħġbok aktar minn ta' fuq (p. 179).

Min ijassar fehma ħielsa jagħmel egħdewwa iktar milli jaħseb, u jekk jagħalqilhom it-triqat u l-imsieraħ kollha biex ma jiltaqgħux u ma jitħaddtux, dawn jinfdu sa ġo qiegħ l-art u hemm jistennew il-Jum Qalil li l-lum jew għada jilħaq lil min isaltan waħdu fuq il-libertà mgħaffġa taċ-ċittadini sħabu (p. 179).

Biex tkun taf kollox x'hemm f'pajjiż wara li tkun fittixt fl-irkejjen kollha tiegħu, inżel taħt l-art u hemm issib dejjem ħwejjeġ li jgħaġġbuk (p. 180).

Mara bla sbuħija u bla ħajr, jekk titlef il-ħżunija tmut bil-ġuħ. Għal xebba sabiħa l-aqwa ras il-miel hu l-ġmiel, għal mara kerha l-ħżunija ta' moħħha (p. 184).

Poplu li la jaf jaqra u lanqas jikteb kif l-aristokrazija dejjem żammet iċ-ċkejken, mhux aħjar minn merħla mogħoż (p. 185).

S'issa għandna poplu li la jaf b'ilsna barranin u lanqas b'tiegħu. Min jaf b'ilsna barranin ma jaħmilx, isewwes kontra lsien art twelidu biex jibqa' ħmar għal għomru (p. 185).

Il-poplu żgħir għax ma jifhemx u ma jħossx il-għajb li qed isirlu, italla' 'l uliedu bla skola u ma jgergirx. Imma dawn moħħ għandhom u moħħhom tahulhom Alla (p. 185).

Il-bniedem jixbah lil magna ħażina, magna li minnha nfisha, tneħħi ftit fil-mija, ma taħdemx tajjeb għax hemm xi jdarras is-snien tar-roti, igħawwiġhom fuq il-fus sa ma jqaċċathom għal kollox. Fil-bniedem dan it-tfixkil fir-roti huma l-passjonijiet, fosthom, l-eqqel, il-għira, l-mibegħda, aħwa

tewmin. Dawn jidħlu bejn il-fus u r-roti tar-raġuni, idarrsu is-snien ta' din ir-rota, sa ma din ma tibqax iddur sewwa, imma tiċċaqlaq daqqa 'l quddiem u daqqa lura. Jiġri li dan iċ-ċaqliq ikidd ir-rota ħafna u jħassarha għal kollox (p. 189).

Il-mibegħda ġġennen (p. 189).

Il-mibegħda ssonn il-ħsieb (p. 189).

Hemm ħinijiet meta l-ħlewwa tal-mibegħda tisboq lil ta' l-imħabba għax aktar ħarxa, għax tqanqlek kollok kemm int, għax iġġagħlek tara fi dmugħ ħaddieħor l-ilma tal-faraġ tiegħek (p. 190).

Il-mibegħda hi difer ix-xitan li jobrox il-linji ħelwa ta' wiċċ sabiħ. Il-mibegħda tkerraħ ir-ruħ u l-ġisem (p. 190).

Għall-qaddis ir-ruħ, dik il-ħaġa ġo fina li ma tidherx, hi aktar magħquda mill-ġisem (p. 201).

Il-qaddis jinsa ġismu; il-qaddis ma jinsiex ruħu; din hi għaliħ l-aktar ħaġa konkreta (p. 201)

Kieku xi ħadd qalli li ma hemmx ruħ, ma kontx nemmnu, għax xinhi din il-qawwa li qed inħoss taqbeż ġo fija mxennqa u bla sabar trid tingħażel mill-ġisem jekk m'hix ir-ruħ? Żgur li l-ġisem, ħaġa mejta minnu ma kienx sa jaħrab lilu nnifsu? (p. 202).

Dak id-diskors tal-Muntanja fih x'tixtarr: aqrah, ifhmu, ħossu, hemm ħaġa li titgħallem, u din hi li d-dinja għadha mbiegħda mill-Ispirtu ta' l-Imgħallem (p. 203).

Dinja ta' gwerer, nies ma jinħamlux, għonja ma jħennux, nies berdin li ma jaħmlux il-ħażin imma lanqas ma jagħmlux t-tajjeb, nies li jagħmlu t-tajjeb, imma jagħmlu daqsu ieħor ħsara. Dinja fejn uħud imutu bix-xaba', oħrajn ininu bil-għaks. Fejn hi d-dinja Nisranija? Fejn hu l-akbar sagrifiċċju tal-bniedem li jiċħad lilu nnifsu għal kollox? (p. 203).

Hemm ftit: l-aqwa dawk li l-Knisja ssejjaħ qaddisin, warajhom dawk li d-dinja ssejjaħ filantropi. Imma ftit wisq ħada l-miljuni li jgħixu u jmutu bla qatt ma jagħmlu ġid. X'ħela ta' ħajjiet li qishom qatt ma għexu! (p. 203).

Jekk dawn jissemmew b'ġieħ fil-Kotba Mqaddsa, xi jgħodd li s-soċjetà tbarrihom? (p. 204).

Il-bniedem, meta jdawwar ruħu b'ħafna frugħat ma jistax ikun li jibqa' jifhem lil għajru. X'jaf bniedem li għandu x-xaba' mid-dwejjaq tal-missier li ma għandux għaxa ta' lejla għal uliedu? X'jaf! ... x'jaf! ... Kemm-il darba jistenbaħ bil-lejl jiftakar li raġel ieħor bħalu, missier bħalu, b'rasu mgħaddsa bejn l-imħaded tas-sodda qed jibki u jolfoq biex ma jsemmax lil martu u lil uliedu!? (p. 204).

Min hu s-sultan ta' dan il-poplu fieragħ? Żgur mhux Dak li għamel id-diskors fuq il-Muntanja lill-qtajja' għatxiena għall-kelma tal-ħajja. Żgur

mhux Dak li ħareġ minn dar ta' mastrudaxxa u kellu l-aħħar sebħ tiegħu bejn żewġ ħallelin! (p. 204).

Liema Rivoluzzjoni akbar mir-Rivoluzzjoni tal-Fidi biex fost il-bnedmin isaltan il-mistrieħ! (p. 207).

Taħseb u tistagħġeb x'divrenzja jista' jkun hemm bejn moħħ u ieħor, ukoll meta daż-żewġt imħuħ tnisslu minn omm waħda bħal żewġ frottiet ta' siġra waħda (p. 207).

Il-bniedem kbir hu r-raġel li għall-prinċipju jagħti rasu (p. 214).

Jekk bniedem ixxekklu b'liġijiet bla ħaqq mhix ħaġa kbira għax igħid xi ħaġa bil-moħbi. Biex ma jingħad xejn bil-moħbi għad irid jinħalaq il-mezz kif wieħed mhux biss jagħlaq il-ħalq imma jwaqqaf il-ħsieb. Bniedem li jaħseb irid juri x'jaħseb u ma jaħmelx li bniedem ieħor igħidlu li ma għandux jaħseb (p. 219).

Il-ħażin kien dejjem ħażin, ukoll il-ħażin tat-tajjeb, imma t-tajjeb dejjem tajjeb, ukoll it-tajjeb tal-ħażin (p. 227).

Fl-istorja kbira sew ta' gżira kemm ta' Imperu, għarrex u ifli l-milja tal-ġrajjiet u tara li t-tlaqqigħ tal-waħda ma' l-oħra f'rabta ta' sedq hi l-ħidma tal-mexxej għaqli, ta' wieħed minn dawn in-nies tal-provvidenza (p. 229).

Fl-istorja mħarbta ta' pajjiż, ifli u għarrex u tara li l-ħtija tat-tlaqqigħ ħażin ta' ġrajjiet waħda kontra l-oħra, imħabblin f'xulxin u kontra xulxin, huma l-ħtija ta' bniedem bla ħila li qatt għaqal ma kellu jintrefa' min-nies u ż-żmenijiet ta' madwaru, jitla' fuq rashom, biex sa fejn għajnejh iwasslu jilmaħ x'għad irid jiġri, biex jara aktar 'il bogħod milli jaraw in-nies qrejjen tiegħu, moħħhom qasir (p. 229).

Dawn iż-żewġ għamliet ta' ħakkiema – il-bniedem ta' ħila u l-bniedem bla ħila – huma l-muftieħ ta' storja ta' ġieħ jew storja ta' għajb (p. 229).

Poplu maħkum u mrobbi fil-biża' jċapċap, imma f'qalbu jisħet ir-ras li ħakmitu bla qalb (p. 232).

Iż-żgħażagħ huma nies ta' fidi kbira. Malta għandha bżonnhom! (p. 241).

In-nies kbar bħall-qaddisin jaraw id-dehriet u nistħajjel li saż-żmien innifsu jqimhom billi jċarrat l-istar li jgħattih (p. 242).

Min hu nobbli daqs il-ħaddiem li jqaddes bil-għaraq ta' ġbinu l-loqma ħobż ta' kuljum? (p. 250).

L-anġli tas-Sema bkew meta raw x'għandu ħila jagħmel bniedem lil ieħor imħabba fehma mgħawġa! (p. 251).

Għażel il-Mulej Indrijiet u Ġakbijiet u kienu t-titli tagħhom, is-semplicità, il-faqar u l-qdusija. Ma kinux u la barunijiet u lanqas eċċellenzijiet, għalkemm iċ-ċiviltà ta' dak iż-żmien ukoll kienet tixxiegħel bit-titoli. U hekk Kristu ta daqqa ta' ħarta lill-frugħa tagħna (p. 271).

Minn kif jitqassam il-ġid fost il-bnedmin jista' wieħed jara jekk fid-

dinja hux qieghed isir il-ħaqq. U lanqas hemm għalfejn taqra trattati ta' ekonomija biex tifhem kif għandu jitqassam dal-ġid. Biżżejjed tistħajjel id-dinja b'niesha miġbura fi-xbieha ta' wlied ta' listess familja. Stħajjel li hi s-siegħa ta' l-ikel meta l-ulied kollha jinġabru madwar il-mejda, u li missier bla għaqal, u mhux miżun fi mħabbtu, jimla sax-xifer il-platt tal-wieħed waqt li lill-ieħor iħallih jixxennaq b'xejn, jonkella kemm kemm irejqu bi ftit ikel, hekk illi iżid iħarraxlu l-aptit u joqtlu bil-ġuħ. X'kont tagħmel int li kont flok dal-missier? Kienet tagħtik qalbek tikteb trattati biex tipprova li hi ħaġa xierqa u qaddisa toqtol lil uħud bl-ikel żejjed u lil oħrajn bil-ġuħ? Igħidlek id-dawl tal-moħħ x'kont tagħmel: Ħaġa ħafifa u li ma tagħmel ħsara lil ħadd, lanqas lir-rgħiba, kont taqbad iż-żejjed tal-wieħed u tagħtih lil dak li għandu n-nieqes. U l-aħwa jixbgħu t-tnejn, u jgħixu għalenija bejniethom, mingħajr ma jħossu li hemm għalfejn jobogħdu 'l xulxin (p. 274).

Xejn taħseb li jiena wieħed minn dawk li jaħsbu li kulħadd għandu jkun indaqs. Le, il-ħtiġijiet mhumiex ta' kulħadd indaqs, imma mbagħad nemmen b'saħħa li d-divrenzja finanzjarja bejn bniedem u ieħor għandha jkollha tarf sa fejn tista' tasal. Il-għana u l-faqar it-tnejn għandhom jaslu sa tarf u ma jaqbżux lil hinn minnu; it-tarf ta' l-akbar għana jkun skond ma jiflaħ il-pajjiż, it-tarf ta' l-iċken għana sa fejn jista' ma jsirx għajb lid-dinjità tal-bniedem billi ċċaħdu mill-ħtiġijiet ta' l-edukazzjoni, jew, agħar, iġ-agħlu joħroġ minn daru biex jitlob (p. 274).

Kont naqra l-Kempis u laqatni dal-ħsieb: La tqegħedt il-paċi tiegħek f'ilsien in-nies għax sew jekk dan jaqta' t-tajjeb fuqek inkella l-ħażin, mhux b'daqshekk int ma tibqax li int (p. 275).

Bniedem imdejjaq idum b'qalbu magħluqa jħoss nuqqas ta' mistrieħ, bħal għeja taħt it-toqol ta' ħsieb iebes, imma malli jaqsam għommtu ma' ħaddieħor dlonk ħsiebu jeħfief, donnha t-tagħbija nqasmet fi tnejn (p. 275).

"Miġnun" hi kelma li fil-ġrajja tad-dinja għandha żewġ tifsiriet: "Bniedem moħħu marid" jew "bniedem moħħu sħiħ iż-żejjed", moħħu isħaħ minn tal-kotra u, għax "moħħu f'saħħtu iżjed" dal-bniedem jaħseb isħaħ u aktar utieq u magħqud u ċar.

Hu żewġ bnedmin: il-wieħed ġirja waħda jimraħ qalb l-imwiel ħadrana u l-iġbla mħaddna miż-żiffiet fewwieġa, imma, imgħaxxaq b'dan kollu, xejn ma jintebaħ li wara del-ħdura hemm l-irdum tal-mewt, sa ma jiġġarraf ġo fih; l-ieħor imma għajnu megħjuna minn żġieġ kabbari biex jara iżjed għal bogħod jilmaħ wara dil-ħdura kollha dan l-irdum, u għax jaf li jekk jibqa' sejjer ġirja waħda jiġġarraf, jerġa' lura, u jgħaddi minn triq oħra bla tiġrif għalkemm iebsa u mhux miksija bil-ħdura.

Dak li għajnejh ma humiex megħjuna miż-żġieġ, iħares lejn sieħbu, u

meta jarah ifittex triq iebsa u jarmi l-ħdura wara dahru, iħarrek rasu, ikemmex xofftejh u jgħid: "Miskin, miġnun". Imma l-għaref jiġġarraf fl-irdum moħbi wara dik il-ħdura u "l-miġnun" jasal fejn irid u jasal b'wiċċ il-ġid. Hekk ħafna "mġienen" waslu għand Alla waqt li ħafna waslu għand ix-xjaten.

L-ikbar nies tad-dinja kienu dawk l-imġienen li, għax raw aktar il bogħod minn ħadd ieħor, għexu taħt liġijiet u dinja xort'oħra u laqqgħu għalenija żmienhom ma' dak li kien għad irid jiġi biex bejniethom ma jinqalax xkiel li jkun ħtija tagħhom. Kieku kien hawn iżjed "imġienen" minn dawn fil-ħajja tal-bieraħ u l-lum, kieku fl-istorja tad-dinja kien ikun hemm inqas tixrid ta' demm u tiġrif fl-irdumijiet tal-Mewt (p. 276).

Kieku d-dinja titlef il-għerf li għandha u tiġġennen bil-ġenn ta' San Franġisk, kieku l-uħux taċ-ċiviltà tagħna, gwerer, tagħkis, u ħqir tal-fqar, self bl-imgħaxijiet kbar, ma kinux jibqgħu iżjed jikbru mal-bnedmin bħalma l-bidebbusa qerrieda tikber ma' l-uċuh sa ma teqridhom għal kollox (p. 277).

Jekk id-dinja trid issalva ruħha, jeħtieġ titlaq ruħha f'idejn l-"imġienen"; u meta l-"imġienen" jirbħu l-għorrief, il-paċi tinżel fid-dinja u n-nies ma jilmħux iżjed lil xulxin bħal bhejjem. Imma jingħaqdu f'poplu qawwi, taħt is-setgħa ta' l-ikbar "Miġnun" Kristu Alla, kif sejjaħlu "miġnun" ieħor, San Pawl, l-appostlu tal-Ġnus. Tassew, miġnun ieħor kien San Pawl, għax kieku ma kienx miġnun imma għaref bil-għerf tal-kotra, bis-saħħa ta' l-inġenju qawwi lhudi li kien imżejjen bih kien jixteħitlek għall-ħajja pulitika ta' pajjiżu jew isir pubblikan, jisloħ it-taxxi, jislef ras il-miel bl-imgħax, jixtri djar, jibni vilel, u jżomm ilsiera jaqduh. Imma "miġnun" nesa lilu nnifsu u ftakar f'għajru: Ġera d-dinja, xerred id-dawl, fetaħ it-triqat taċ-ċiviltà Nisranija u ressaq is-sema u l-art lejn xulxin u bi ħlas... il-*għorrief* tad-dinja, in-nies prattiċi, qatgħulu rasu (p. 277).

Xi ħsieb ħadu l-ħakkiema biex jistgħu jseħħu l-jeddijiet li kulħadd jikseb mat-twelid xorta waħda minn għand Alla? Xi ħsieb ħadu biex ixerrdu d-dawl fuq il-għomja, jerfgħu l-fqir mill-għaks ħalli jista' jieħu ħsieb ruħu u ħsieb ġismu u ħsieb ruħ u ġisem uliedu? (p. 280).

Il-għaks jagħmel in-nies bhejjem; u hekk il-bnedmin qed jagħmlu bhejjem lil xulxin (p. 281).

Xinhi b-bikja tal-bniedem f'dan il-beraħ li ma jintemmx, fejn ir-ragħad jinstema' inqas minn nifs ta' dudu!? Kif taħseb li baħar bla tarf, bla qisien, sa jibki r-ramla li titgħaffeġ taħt waħda mill-blatiet kbar tiegħu, jew inkella lill-ħuta ċkejkna miblugħa minn ħuta kbira?! Xinhi r-ramla ħada l-kotra ta' ramel ieħor u l-kobor tal-ħolqien, xinhi ħuta ċkejkna ħada l-kobor tal-ħolqien, xinhi ħuta ċkejkna ħada l-kobor ta' ħlejjaq oħra?! Il-baħar ma jħossx meta titgħaffeġ ramla jew ħuta (p. 282).

(*Jissokta*)